**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR ANTHONY J. VELLA BA.,LL.D.,MA**

**ILLUM 5 ta' Novembru 2015**

**SPETTUR**

**Joseph Busuttil**

**VS**

**Abuzoda Zeiad Mohamed A**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Abuzoda Zeiad Mohamed A ta' 35 sena, bin Mohamed u Zuneiha nee' Zejtuna, mwieled 12 ta' Ottubru 1979 Libja, residenti 14, Nagi, Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar;

Talli;

1) F'dawn il-Gzejjer u cioe gewwa l-bar maghruf bhala Shisha Bar, li jinsab Triq il-Mazzola, San Pawl il-Bahar, bejn it-12 u t- 13 ta' April 2014 minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-haja ta' Emad Masoud D 29013A f'periklu car, heb ghalih bi strument li jaqta' jew li jniggez u

kkagunalu ferita ta’ natura gravi, skont ma ccertifika Dr Amara MD Re no. 3779 minn l-Isptar Mater Dei;

2) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Ali Mohammed Hassan ID 46834A f’periklu car, hebb ghalih bi strument li jaqta’ jew li jniggez u kkagunalu ferita ta’ natura gravi skont ma ccertifika Dr Amara MD Reg no. 3779 mill-isptar Mater Dei;
3) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-pac pubblika b’ghajjat u/jew glied u/jew mod iehor;

Rat id-dokumenti ezebiti;

Rat l-atti kollha tal- kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju ta’ eghluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi li din l-istess ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 6, 51(7), tal-Kap 480, Art 214, 216 (1)(c), 217, 338(dd), 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kap 9  tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija sospiza ghal tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**